MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-22 ta' Lulju, 2004

Numru 467/2004

PULIZIJA
SPETTUR MARIO BONELLO
SPETTUR CARLO ELLUL

VS

NAZZARENO SIVE RENNIE BORG

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Nazzareno sive Rennie Borg, ta' hamsa u ghoxrin sena , bin Anthony u Maria nee Cassar, imwieled Pieta, Malta fil-5 ta' Frar, 1979 u residenti Flat 1, Entrance E, Triq Dun

Anton Vella, Siggiewi, Malta u detentur tal-karta tal-identita numru 242379 (M);

Talli fit-13 ta' Gunju, 2004 ghall-habta tal-4.30pm gewwa l-Hamrun volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli cioe ghamel hsara fil-vettura bin-numru tar-registrazzjoni ABK 165 liema hsara teccedi l-hamsin Lira maltin (LM50) izda hija anqas minn hames mitt Lira Maltin (LM500);

Talli fl-istess perjodu, zmien lok u cirkostanzi hedded lil Andrew Sultana u Paul Josef Vassallo b'oggett iebes (lembuba);

Talli fl-istess perjodu, zmien lok u cirkostanzi qal kliem oxxen u dagha fil-pubbliku:

Talli fl-istess perjodu, zmien, lok u cirkostanzi, kiser il-paci pubblika b'ghajjat u glied;

Talli fl-istess perjodu, zmien, lok u cirkostanzi xewwex gemgha ta' nies, illi hekk imxewxa ingabru f'numru ta' ghaxra jew aktar, sabiex jaghmlu reat;

Talli fl-istess perjodu, zmien lok u cirkostanzi ha parti attiva f'gemgha ta' ghaxra min nies jew aktar, migburin biex jaghmlu reat.

Wara li rat il-it-talba tal-Prosekuzzjoni biex tipprovdi ghas-sigurta tal-imsemmija Andrew Sultana u Paul Josef Vassallo, flimkien mal-piena torbot lill-imsemmi Nazzareno sive Rennie Borg b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali li jidhrilha xieraq

Wara li rat il-fedina penali tal-imputat.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-ammissjoni tal-imputat fuq l-akkuzi minn wiehed sa erbgha;

Issib lill-imputat Nazzareno sive Rennie Borg, hati u wara li rat l-Artikolu 22 tal-Kap 446, tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Fir-rigward tal-hames u s-sitt akkuzi, peress illi dawn ma jirrizultawx, tilliberah minnhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------